**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**
**Mario Muscat**

**Kumpilazzjoni 115/2018**

**Illum 11 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Muscat** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 216574 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-11 ta' Gunju 2016 ghall-habta tat-tlieta ta filghodu (03:00) f'Bubaqra, iz-Zurrieq;

1. Hebb ghall-Carmel Schembri u kkagunalu offiza ta' natura gravi hekk kif iccertifika Dr. Chris Muscat (Med.Reg.1493);
2. Bl-imgieba tieghak ikkaguna lil Carmel Schembri biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;
3. Bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Carmel Schembri wegghajtu bi kliem, b'gesti , b'kitba, b'disinji jew b' xi mod iehor;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-

mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li-l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmel Schembri u l-familja tieghu ai termini tal-artikolu 338 et seq. Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi;

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-Kaz jitratta dwa argument li nqala' f'hanut tax-xorb f'Bubaqra iz-Zurrieq fil-11 ta' Gunju 2016 ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3 am) bejn l-imputat Mario Muscat u certu Carmel Schembri li soffra feriti li kienu deskritti gravi mit-tabib Chris Muscat. Dwar l-istess kaz hemm proceduri ohra quddiem Qorti diversament preseduta kontra Carmel Schembri.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu tmien (8) xhieda kif gej:

Spettur Melvyn Camilleri (*a fol* 11 et. seq.); PS 816 Sean Vassallo (*a fol* 25 et. seq.); PC 727 Orazio Scicluna (*a fol* 28 et. seq.); PC 1416 Daniel Galea (*a fol* 30 et. seq.); Dr Chris Muscat (*a fol* 32 et. seq.); Carmel Schembri (*a fol* 34 et. seq.); Martin Grixti (*a fol* 39 et. seq.); Mario Muscat (*a fol* 43 et. seq.).

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma

tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[2]

[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[3] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

[3] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

Il-Qorti rat ukoll dak li jipprovdu artikoli 637 u 638 tal-Kodici Kriminali u sabet konfort f'dak li xehed Martin Grixti (*a fol*. 21) fejn spjega x'gara u jaqbel hafna mal-verzjoni li ta l-imputat f'dawn il-proceduri, fejn zgur minn dak mistqar l-imputat kien provokat u anke hemm element ta' legittima difesa f'dak li sehh.

Il-legittima difesahi kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li:-

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, <u>jew mehtieg mill-bzonn</u> attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

L-artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jsemmi certi kazijiet [li taht l-ebda immaginazzjoni hi ezawrjenti] ta' necessita attwali ta' difiza legittima. Dawn il-kazijiet huma biss ezempji.

Jigi rilevat li d-dritt ghal legittima difisa, jittiehed u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta’ kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu, anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kondizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe t-theddid a’xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun gust, gravi u inevitabbli.

Fil-fatt **l-Imhallef Harding** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Joseph Attard</u>** ***deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

> "*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi, li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu ikun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu

ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew xi jmissu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo:-**

> "*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fl-ahhar nett irid jigi wkoll nnutat li biex imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu.

Fil-fehma tal-Qorti, jidher li kien hemm "perikolu gravi, mminenti jew inevitabbli". Semplici argument ghaddej bejn l-imputat Maro Muscat u

Carmel Schembri kiber b'tali mod li z-zewg persuni soffrew griehi gravi kif juru c-certifikati esebiti fl-atti.

Jidher ukoll li l-imputat agixxa taht provokazzjoni u dank if hareg mix-xhieda.

Issa, l-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

> "*Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha.*"

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:-

> "*Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni stantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difiza fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:-

> "*The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni stantanja u omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper* w appuntu ghalhekk li llum ghandna l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kunsidrata nkapaci li tifforma l-hsieb jekk jeziztu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument u mhux rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali, li f'nies ta' temperament normali w ordinarju, ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju.

Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali, hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-test li jrid jigi addottat hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni jrid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu 227(a) cioe ferita gravi.

Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas, jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni.

Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:-

> "*Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew eccitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 jghid:-

> "*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati il-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju *sine qua non* li l-qtil jew l-offizi saru mmedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred u ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:-

> "*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term* '*revenge*' *is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma '*provocation*' giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:-

*"Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind."*

Il-Qorti wara li analizzat dan kollu tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat m'ghandhux jinstab hat ital-ewwel imputazzjoni.

Dwar z-zewg imputazzjonijiet l-ohra ma ngabux provi fejn il-Qorti tista' ssib htija fil-konfront tal-imputat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**